

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1017

tat-13 ta' Lulju 2020

li jistabbilixxi l-limiti massimi tal-baġit għall-2020 applikabbli għal ċerti skemi diretti ta' appoġġ previsti fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 22(1), 36(4), 42(2), 47(3), 49(2), 51(4) u 53(7) tiegħu,

Billi:

- (1) Għal kull Stat Membru li jimplementa l-iskema ta' pagament bażiku stipulata fil-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limitu massimu nazzjonali annwali msemmi fl-Artikolu 22(1) ta' dak ir-Regolament għall-2020 irid jiġi ffixxat mill-Kummissjoni billi jitnaqqsu l-limiti massimi ffixxati f'konformità mal-Artikoli 42, 47, 49, 51 u 53 ta' dak ir-Regolament, mil-limitu massimu nazzjonali annwali stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, trid tiqies kwalunkwe żieda applikata mill-Istati Membri skont dik id-dispożizzjoni.
- (2) Għal kull Stat Membru li jimplementa l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja prevista fil-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limitu massimu nazzjonali annwali msemmi fl-Artikolu 36(4) ta' dak ir-Regolament għall-2020 irid jiġi ffixxat mill-Kummissjoni billi jitnaqqsu l-limiti massimi ffixxati f'konformità mal-Artikoli 42, 47, 49, 51 u 53 ta' dak ir-Regolament, mil-limitu massimu nazzjonali annwali stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament. F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 36(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, meta l-Kummissjoni tiffissa l-limitu massimu nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, din trid tqis kwalunkwe żieda applikata mill-Istati Membri skont dik id-dispożizzjoni.
- (3) Għal kull Stat Membru li jagħti l-pagament ridistributtiv previst fil-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limitu massimu nazzjonali annwali msemmi fl-Artikolu 42(2) ta' dak ir-Regolament għall-2020 irid jiġi ffixxat mill-Kummissjoni abbażi tal-perċentwal innotifikat minn dawk l-Istati Membri skont l-Artikolu 42(1) ta' dak ir-Regolament.
- (4) Fir-rigward tal-pagament għall-prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent previst fil-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 fl-2020, il-limiti massimi nazzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 47(3) ta' dak ir-Regolament għall-2020 iridu jiġu kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 47(1) ta' dak ir-Regolament u jammontaw għal 30 % tal-limitu massimu nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti kif stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.
- (5) Għal Stati Membri li jagħtu l-pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali previst fil-Kapitolu 4 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limiti massimi nazzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 49(2) ta' dak ir-Regolament għall-2020 iridu jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi tal-perċentwal innotifikat mill-Istati Membri rilevanti skont l-Artikolu 49(1) ta' dak ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608.

- (6) Fir-rigward tal-pagament għall-bdiewa żgħażaġh previst fil-Kapitolu 5 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limiti massimi nazzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 51(4) ta' dak ir-Regolament għall-2020 iridu jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi tal-perċentwal innotifikat mill-Istati Membri skont l-Artikolu 51(1) ta' dak ir-Regolament u ma jridux ikunu iżjed minn 2 % tal-limitu massimu annwali ffissat fl-Anness II.
- (7) Meta l-ammont total tal-pagament għall-bdiewa żgħażaġh li saret applikazzjoni għalih fl-2020 fi Stat Membru jaqbeż il-limitu massimu stabbilit skont l-Artikolu 51(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għal dak l-Istat Membru, id-differenza trid tiġi ffinanzjata mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 51(2) ta' dak ir-Regolament filwaqt li jiġi rrispettat l-ammont massimu stabbilit fl-Artikolu 51(1) ta' dak ir-Regolament. Għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa xieraq li jiġi stabbilit dan l-ammont massimu għal kull Stat Membru.
- (8) Għal kull Stat Membru li jagħti l-appoġġ akkoppjat volontarju previst fil-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 fl-2020, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi l-limiti massimi nazzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 53(7) ta' dak ir-Regolament għall-2020 abbażi tal-perċentwal innotifikat mill-Istat Membru rilevanti skont l-Artikolu 54(1) ta' dak ir-Regolament.
- (9) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 137(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 kif applikabbli fis-sena 2020 ma japplikax fir-Renju Unit għas-sena tat-talba 2020. Għal dik ir-raġuni, ma hemmx bżonn li jiġu stabbiliti l-limiti massimi rilevanti għall-2020 għar-Renju Unit f'dan ir-Regolament.
- (10) Fir-rigward tas-sena 2020, l-implimentazzjoni tal-iskemi diretti ta' appoġġ previsti fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 bdiet fl-1 ta' Jannar 2020. Għal raġunijiet ta' konsistenza bejn l-applikabbiltà ta' dak ir-Regolament għas-sena tat-talba 2020 u l-applikabbiltà tal-limiti massimi baġitarji korrispondenti, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-istess data.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2020 għall-iskema ta' pagament bażiku msemmija fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt I tal-Anness ta' dan ir-Regolament.
2. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2020 għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja msemmija fl-Artikolu 36(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt II tal-Anness ta' dan ir-Regolament.
3. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2020 għall-pagament ridistributtiv imsemmi fl-Artikolu 42(2) tar-Regolament(UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt III tal-Anness ta' dan ir-Regolament.
4. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2020 għall-pagament għall-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent imsemmi fl-Artikolu 47(3) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt IV tal-Anness ta' dan ir-Regolament.
5. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2020 għall-pagament għal erjas b'restrizzjonijiet naturali msemmi fl-Artikolu 49(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt V tal-Anness ta' dan ir-Regolament.
6. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2020 għall-pagament għall-bdiewa żgħażaġh imsemmi fl-Artikolu 51(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt VI tal-Anness ta' dan ir-Regolament.
7. L-ammonti massimi għall-2020 għall-pagament għall-bdiewa żgħażaġh imsemmi fl-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt VII tal-Anness ta' dan ir-Regolament.
8. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2020 għall-appoġġ akkoppjat volontarju msemmi fl-Artikolu 53(7) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt VIII tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

I. **Il-livelli massimi nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament bażiku msemija fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2020
Il-Belġju	211 289
Id-Danimarka	530 782
Il-Ġermanja	2 941 232
L-Irlanda	825 611
Il-Greċja	1 091 170
Spanja	2 845 377
Franza	3 025 958
Il-Kroazja	149 768
L-Italja	2 118 140
Il-Lussemburgu	22 741
Malta	650
In-Netherlands	459 920
L-Awstrija	470 383
Il-Portugall	279 562
Is-Slovenja	75 223
Il-Finlandja	262 840
L-Iżvezja	399 568

II. **Il-livelli massimi nazzjonali annwali għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja msemija fl-Artikolu 36(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013**

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2020
Il-Bulgarija	379 289
Iċ-Ċekja	478 299
L-Estonja	110 920
Ċipru	29 643
Il-Latvja	160 460
Il-Litwanja	200 349
L-Ungerija	727 048
Il-Polonja	1 553 589
Ir-Rumanija	974 939
Is-Slovakkja	221 593

III. Il-livelli massimi nazzjonali annwali għall-pagament ridistributtiv imsemmija fl-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013

Sena kalendarja	2020	(f'eluf ta' EUR)
Il-Belġju		46 100
Il-Bulgarija		55 900
Il-Ġermanja		330 210
Franza		687 718
Il-Kroazja		33 208
Il-Litwanja		77 554
Il-Polonja		281 452
Il-Portugall		23 050
Ir-Rumanija		104 163

IV. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-pagament għall-prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent kif imsemmija fl-Artikolu 47(3) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013

Sena kalendarja	2020	(f'eluf ta' EUR)
Il-Belġju		144 557
Il-Bulgarija		238 888
Iċ-Ċekja		261 843
Id-Danimarka		245 627
Il-Ġermanja		1 415 187
L-Estonja		50 810
L-Irlanda		363 320
Il-Greċja		550 385
Spanja		1 468 030
Franza		2 063 154
Il-Kroazja		99 624
L-Italja		1 111 301
Ċipru		14 593
Il-Latvja		90 826
Il-Litwanja		155 108
Il-Lussemburgu		10 030
L-Ungerija		399 476
Malta		1 573
In-Netherlands		198 261
L-Awstrija		207 521

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2020
Il-Polonja	1 017 297
Il-Portugall	179 807
Ir-Rumanija	570 959
Is-Slovenja	40 283
Is-Slovakkja	118 316
Il-Finlandja	157 389
L-Iżvezja	209 930

V. Il-livelli massimi nazzjonali annwali għall-pagament għal erjas b'restrizzjonijiet naturali msemmija fl-Artikolu 49(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2020
Id-Danimarka	2 657
Is-Slovenja	2 122

VI. Il-livelli massimi nazzjonali annwali għall-pagament għall-bdiewa żgħażaġh imsemmija fl-Artikolu 51(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2020
Il-Belġju	9 095
Il-Bulgarija	2 771
Iċ-Ċekja	1 746
Id-Danimarka	15 556
Il-Ġermanja	47 173
L-Estonja	1 321
L-Irlanda	24 221
Il-Greċja	36 692
Spanja	97 869
Franza	68 772
Il-Kroazja	6 642
L-Italja	74 087
Ċipru	686
Il-Latvja	6 055
Il-Litwanja	6 463
Il-Lussemburgu	501
L-Ungerija	5 326

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2020
Malta	21
In-Netherlands	13 217
L-Awstrija	13 835
Il-Polonja	33 910
Il-Portugall	11 987
Ir-Rumanija	20 547
Is-Slovenja	2 014
Is-Slovakkja	1 706
Il-Finlandja	5 246
L-Iżvezja	13 995

VII. L-ammonti massimi għall-pagament għall bdiewa zghażaġh imsemmija fl-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2020
Il-Belġju	9 637
Il-Bulgarija	15 926
Iċ-Ċekja	17 456
Id-Danimarka	16 375
Il-Ġermanja	94 346
L-Estonja	3 387
L-Irlanda	24 221
Il-Greċja	36 692
Spanja	97 869
Franza	137 544
Il-Kroazja	6 642
L-Italja	74 087
Ċipru	973
Il-Latvja	6 055
Il-Litwanja	10 341
Il-Lussemburgu	669
L-Ungerija	26 632
Malta	105
In-Netherlands	13 217
L-Awstrija	13 835
Il-Polonja	67 820
Il-Portugall	11 987

		<i>(f'eluf ta' EUR)</i>
Sena kalendarja	2020	
Ir-Rumanija		38 064
Is-Slovenja		2 686
Is-Slovakkja		7 888
Il-Finlandja		10 493
L-Iżvezja		13 995

VIII. Il-livelli massimi nazzjonali annwali għall-appoġġ akkoppjat volontarju msemmija fl-Artikolu 53(7) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013

		<i>(f'eluf ta' EUR)</i>
Sena kalendarja	2020	
Il-Belġju		80 935
Il-Bulgarija		119 444
Iċ-Ċekja		130 921
Id-Danimarka		24 135
L-Estonja		6 315
L-Irlanda		3 000
Il-Greċja		182 056
Spanja		584 919
Franza		1 031 577
Il-Kroazja		49 812
L-Italja		478 600
Ċipru		3 891
Il-Latvja		45 413
Il-Litwanja		77 554
Il-Lussemburgu		160
L-Ungerija		199 738
Malta		3 000
In-Netherlands		3 350
L-Awstrija		14 526
Il-Polonja		504 743
Il-Portugall		117 535
Ir-Rumanija		272 554
Is-Slovenja		17 456
Is-Slovakkja		59 120
Il-Finlandja		102 828
L-Iżvezja		90 970